# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbgħa (4) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| SKUŻATI: | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jkun jaf ir-rotta li se tintuża għat-triathlon, u għandna nieħdu ħsieb il-permessi, eċċ mill-aktar fis possibli [ref punt nru. 3.3]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ma jistax jkun hemm aċċess għall-karrozzi. Qal ukoll illi l-persuna li qed jieħu ħsieb it-triathlon jagħmel kors taċ-ċikliżmu u jemmen illi bħala Kunsill għandna nikkonsidraw illi jibda dan il-kors fir-raħal, Qal ukoll illi dan il-persuna jgħallem l-għawm u dan l-isport jista jkun parti mill-kors. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni ma dawn is-suġġerimenti. Il-Kunsill għandu jiltaqa ma dan il-persuna fil-futur.

3.2 Il-kunsilliera iddeċċiedew li nixtru illuminated vests minn tal-Lira u l-printing isir minn kumpanija oħra. [ref. punt nru. 3.8]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa ma rċieva l-ebda risposta dwar kwotazzjonijiet.

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk ġew jagħmlu l-valenu tal-ġrieden [ref punt nru. 3.11]. Is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li ġew.

3.4 Il-kunsilliera ddiskuttew il-one way ta' triq Irqajja. Ittieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill għandu bżonn il-parir ta' Transport Malta [ref. punt nru. 3.13]. Il-kunsillier Carlo Stivala zied illi kien hemm problema ma individwu li ma qabilx mad-deċiżjoni li nagħmlu triq San Tumas one-way, fejn dan il-persuna ddeċċieda illi jagħlaq it-triq billi pparkja l-karrozza tiegħu fl-entratura tat-triq għal ħin twil. Is-Sindku qal ukoll illi għandna naraw ma Transport Malta fejn hemm b\zonn ta' road humps, barriers, eċċ madwar ir-raħal. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi f'Żurrieq Road l-Arriva qegħdin imissu maż-żewġ naħat tat-triq meta ikunu resqin lejn il-knisja, u dan qed iżid il-periklu għal dawk illi jkunu qegħdin isuqu lejn iż-Żurrieq. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi nagħmlu x'nagħmlu, ħa jkun hemm it-tgergir.

3.5 Il-Viċi Sindku reġa fakkar illi hemm STOP taħt ir-roundabout ta' triq San Ġwann, c/w triq San Pawl, illi għanda titneħħa. [ref punt nru. 3.14]

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva, u ppreżenta fuq il-mejda, il-Glossarju [ref. punt nru. 4.1]. Il-Kunsill qabel illi nixtru koppja għal librerija. Is-Sindku qal ukoll illi jemmen illi għandna nagħmlu noticeboard zgħir għal librerija. Il-kunsilliera kollha qablu.

3.7 Is-Sindku qal illi se jordna ż-żebgħa għat-tabelli ta' madwar ġnien Dun Karm Vella [ref punt nru. 8.5].

3.8 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi mill-aħħar laqgħa reġa kkonsidra s-suġġeriment illi nagħmlu bandiera mad-daħla ta' Żurrieq [ref. punt nru. 8.7]. Hu jemmen illi issa li raqdet il-kwistjoni tal-konfini m'hemmx għalfejn nerġgħu inqajmuha u għalhekk ma jixtieqx illi nisfidhom [il-Kunsill ta' Żurrieq]. Is-Sindku qal illi diġa ftiehem mas-Sindku taż-Żurrieq rigward il-konfini u għalhekk iħoss illi mhux se jkun hemm problemi, imma qabel illi m'hemmx għalfejn nerġgħu nqajmu l-problemi. Is-Sindku qal ukoll illi għandna naraw ma ' Heritage Malta/ Dipartiment tax-xogħolijiet/ din l-Art Ħelwa rigward il-possibilita illi nakkwistaw ċwievet tal-katakombi. Il-Kunsill se jagħmel talba għal dawn iċ-ċwievet. Il-kunsillier

Publius Abdilla qal illi avolja il-bibien qegħdin fil-konfini tagħna, il-bqija tal-katakombi qegħdin fil-konfini ta' Żurrieq. Il-Kunsill, wara qbil bejn il-kunsilliera, se jagħmel talba għad-devoluzzjoni tal-post.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat emajls lill-ispettur rigward il-problemi tal-maħzen [ref punt nru. 8.8]. S'issa ma rċieva l-ebda risposta.

3.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi qed jara min hu nteressat illi jagħmel parti mill-kumitat tal-edukazzjoni u kultura [ref punt nru. 8.11]. Se jikkonsidra ukoll is-suġġerimenti ta' kunsilliera oħra.

3.11 Is-Sindku qal illi m'hemm l-ebda update fuq triq il-Kuċċard [ref punt nru. 8.13]. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk tħallsu dawk illi għandhom jirċievu sommom issa li ttieħed l-art tagħhom. Is-Sindku qal illi ma rċevew l-ebda kumpens s'issa.

**4. Korrespondenza**

4.1 Transport Malta bagħtu l-approvazzjoni li l-parti ta' triq San Tumas li saret one-way tibqa hekk.

4.2 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajls ta' FACES li bagħtu dwar il-bus stages ta' Ħal Safi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi riedu jkunu jafu kemm hemm bus stages fir raħal u wieġeb illi hemm tnejn. Qal ukoll illi ltaqa mas-sur Kevin Zahra ta' Transport Malta waqt seminar, u dan ikkonferma li se ssir bus stage oħra fir-raħal.

4.3 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar emajl tas-sur Sean Meli [kunsillier ta' Ħal Qormi]. Is-Segretarju Eżekuttiv irisponda li dan talab illi ssir mixja fir-raħal tagħna fit-2 ta' Marzu u li fil-fatt dan diġa qed jikkorespondi mas-Sindku dwar l-attivita.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qara emajl dwar l-itenary li qed isir flimkien mal-MTA u l-Kunsilli oħra [l-Inqabba, il-Qrendi, Ħal Kirkop u ż-Żurrieq] u l-Viċi Sindku Johan Mula qal illi dawn għamlu żball fuq il-website, fejn taħt l-informazzjoni ta' Ħal Safi kitbu siltiet dwar l-istorja tal-Imqabba.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti tas-seduta preċedenti**

5.1 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi qed jara l-kont dovut lil Nexos għoli ħafna. Il-Viċi Sindku qal illi għandna noħolqu sistema biex naraw illi x-xogħol qed isir kull darba li nħallsu għal rapport. Is-Sindku qal illi filgħaxija jmur jara jekk qegħdin jixgħelu l-bozoz li jiġu rranġati u s-Segretarju Eżekuttiv qal illi niċċekjaw illi qegħdin nħallsu għal dawk il-bozoz illi jiġu rraportati lilna u xejn izjed. Is-Sindku qal ukoll illi jissospeta li l-bozoz illi qegħdin jagħmlu mhumiex tajbin.

5.2 Il-kunsilliera qablu mal-PAS u ffirmaw il-PAS tal-laqgħa preċedenti.

**6. Jum Ħal Safi**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-ismijiet ta' dawk illi għandhom ikunu parti mill-Bord tal-Premju Onoreficenza. Il-kunsilliera talbu għal lista ta dawk illi għamlu parti minn dan il-bord f'dawn l-aħħar snin. Is-Segretarju Eżekuttiv se jiprovdi l-lista via emajl.

6.2 Il-Kunsill qabel illi nżommu mal-programm tas-snin preċedenti fejn se jkun hemm 'Wine and Pizza' il-Ġimgħa filgħaxija, il-Premju Onoreficenza s-Sibt, u quddiesa/ marċ tal-banda u rċeviment il-Ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġejjin il-grupp illi ġew is-sena l-oħra biex idoqqu l-mużika waqt is-serata tal-Ġimgħa u dawn se jiswew €200. Qal illi kkuntatja vjolonist għas-serata tas-Sibt, u dan se jiswa €100. Is-Sindku qal ukoll illi jixtieq jagħmel kompetizzjoni tal-inbid għan-nies illi jgħixu barra mir-raħal u ma sab l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill. Qal ukoll illi għas-serata tas-Sibt it-tfal illi qegħdin jieħdu sehem fil-kors tad-drama se jagħmlu play, waqt illi it-tfajla Federica Falzon, li kisbet suċċess internazzjonali, se tkanta kanzonetta.

6.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula u l-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerew illi l-Kor Kreattiv jagħmlu xi ħaġa wkoll. Il-Kunsill irid jara x'time slots se jkun hemm. Jemmnu li għandhom jipparteċċipaw biex hekk jiġu izjed tfal, u ġenituri, għas-serata.

6.4 Il-Kunsill qabel illi għandna nakkwistaw Direct Order għas-servizz ta' persuna li jkun jista jieħu ħsieb is-sound hu. Kien hemm qbil ukoll illi s-siġġijiet għandhom ikunu lesti minn qabel bil-postijiet riservati.

6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab tlett kwotazzjonijiet minn 'caterers' għal Ħadd. Dawn huma James, Neriku u Prima Vera. Sal-bidu tal-laqgħa ma rċieva l-ebda risposta. Kuntratturi tal-Kunsill, Membri Parlamentari tad-Distrett, il-Kappillan, l-ex kunsilliera, il-pulizija, il-ħaddiema tal-Kunsill, l-għaqdiet tar-raħal, tad-Day Centre, il-Kap tal-iskola, il-mużewijiet kollha se jkunu mistednin flimkien mal-guest tagħhom għal Ħadd. Wara intervent tal-kunsillier Publius Abdilla, l-ex rebbieħa tal-Premju Onorefiċenża wkoll se jkunu mistednin.

6.6 Il-Premji għandhom ikunu lesti qabel ma nibdew is-serata, u se tkun hemm tvalja u mhux bandiera fuq il-mejda. Il-bnadar għandhom ikunu ta' Malta fuq ix-xellug, tal-Unjoni Ewropeja fin-nofs u tar-raħal fuq il-lemin biex inżommu mal-protocol. Is-Sindku qal illi se jara jekk l-attivitajiet tas-Sibt isiru fis-Sala tal-iskola minflok fis-sala tal-Kunsill.

## 7. Ħwejjeġ oħra

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill se jkun insurjat minn Island Insurance illi bagħtu l-irħas prezz [€940 fis-sena]. L-oħrajn kienu l-fuq minn €1200.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi MaltaPost qegħdin jagħmlu bollol personalizati. Il-Kunsill qabel illi għandna nakwistaw ftit minnhom wara li raw specimen tax-xogħol, u dawn se jintuzaw biex nibagħtu ittri speċjali biss.

7.3 Il-kunsillier Carlo Stivala ssuġġerixxa li ssir Sports Day qabel is-serata tas-Sibt. Il-Kunsill qabel illi jsir jekk hemm bizzejjed parteċipanti. Il-Kunsill se jiprovdi tokens, ħelu u juice għat-tfal, waqt illi se jfittex xi sponsors għall-attivita.

7.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi fil-Minuti tal-laqgħa preċedenti ma kienx imsemmi dak illi ntqal fuq l-awdjo-visual fejn għamel rikwest għal kwotazzjonijiet. Il-Viċi Sindku kien talab illi nfittxu kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

7.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-bandli għandhom bzonn it-tiswija. Is-Sindku qal illi se jieħu ħsieb illi l-manutenzjoni ssir malajr.

7.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dawk illi għandhom garaxxijiet f'triq Dun Karm Vella qegħdin jilmentaw għax hemm min qed jipparkja faċċatta tagħhom, u bihom is-sidien tal-garaxxijiet ma jistawx joħorġu bil-karrozzi tagħhom. Issuġġerixxa li jsiru yellow lines.

7.7 Il-kunsilliera qablu li l-Kunsill ma jieħu l-ebda azzjoni rigward triq Rqajja [traffic management], qabel ma niltaqaw ma rappreżentant ta' Transport Malta.

**8 Laqgħa li jmiss**

8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

8.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fis-20 ta' Marżu 2013.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |